# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Rennie Stivala u Arthur Mercieca)**

**vs**

**Charlene Spiteri**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Charlene Spiteri** detentriċi tal-karta tal-identita` numru 503986M fejn ġiet mixlija talli :

> U nakkuzawha talli f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula d'rizoluzzjoni wahda;

1. Fl- 1 ta' April 2011, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta'aktar minn hames mitt ewro **(€500)** izda mhux aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad dannu tal-kumpanija Elmo Insurance Brokers u/jew persuni/kumpaniji ohra;

2. Fis-7 ta'Lulju 2011, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann , jew billi uriet haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta' aktar minn hames mitt ewro **(€500)** izda mhux aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Atlas Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

3. Fi- 13 ta'Frar 2012, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor ,jew ta' krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Middle Sea Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

4. Fit- 3 ta' Dicembru 2011, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann , jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'iktar minn hames mitt ewro **(€500)** izda mhux aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Middle Sea Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

5. Fis 27 ta' Jannar 2012, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi uriet haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hames mitt ewro **(€500)** izda mhux aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Untours Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

6. Fis 17 ta'Frar 2012, b'mezzi kontra l-ligi. Jew billi ghamlet uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'iktar minn hames mitt ewro **(€500)** izda mhux aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal- kumpanija Elmo Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

7. Fil-22 ta'Gunju 2013, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hamest elef ewro **(€5,000)** ghad-dannu tal-kumpanija Allcare Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

8. Fil-14 ta'Awissu 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor , jew ta'krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Atlas Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

9. Fil-14 ta'Ottubru 2013, bil-hsieb li twettaq frodi b'ghemil qarrieqi, wrejt da nil-hsieb b'atti esterni, u tajt bidu ghall-esekuzzjoni tar-reat, liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta teighek, billi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Elmo Insurance Agency Limited, u/jew persuni/kumpaniji ohra;

10. Fit-13 ta'Lulju 2013, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila , seghta fuq haddiehor , jew ta'krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta' haddiehor, ta'aktar minn hames mitt ewro **(€500)** izda mhux aktar minn hamest elef ewro **(€5, 000)** ghad-dannu tal-kumpanija Untours Insurance Agency Limited u/jew persuni/kumpaniji ohra;

11. Fid-19 ta'Ottubru 2013, bil-hsieb li twettaq frodi b'ghemil qarrieqi, uriet da nil-hsieb b'atti esterni, u tajt bidu ghall- esekuzzjoni tar-reat, liema reat ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghek, billi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, seghta fuq haddiehor, jew ta'krediti immaginarji, sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh bi hsara ta'haddiehor, ta'aktar minn hames mitt ewro **(€500)** izda mhux aktar minn hamest elef ewro **(€5,000)** ghad-dannu tal-kumpanija Citadel Insurance Agency Limited, Victoria Insurance Agency u/jew persuni/kumpaniji ohra;

12. U aktar talli, f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati imsemmija hawn fuq, bi hsara ghall- haddiehor, ghamilt xi qliegh iehor b'qerq ghad-dannu ta'diversi persuni u/jew kumpanija ta'assikurazzjoni;

13. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati imsemmija hawn fuq, sabiex tikseb vantagg jew benificcju ghalik innifsek jew ghall haddiehor, f'xi document xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew tajt taghrif falz;

14. U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess dati imsemmija hawn fuq bil-hsieb li tikseb ghalik innifsek jew ghall haddiehor li hlas ta'flus ta'sigurta kontra r-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddistrugejt, xerridt 'l'hawn u l'hinn, jew gharraqt b'xi mezz li jkun, hwejjeg tieghek.

15. U aktar talli kkommettejt reat waqt il-perjodu, operattiv ta'sentenza sospiza moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrat Dr. Saviour Demicoli LLD,

nhar l-24 ta' Frar 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

16. Talli rrendejt ruhek recidiva b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrat Malta, Magistrat Dr. Saviour Demicoli LLD, moghtija fil-24 ta'Frar 2011, sentenza li saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat li matul is-seduta tat-13 ta' Marzu 2017 l-Uffiċjal Prosekutur Rennie Stivala kkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputata ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputata, debitament assistita mill-konsulent legali dottor Arthur Azzopardi tenniet li hija ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

Il-Qorti wissietha bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tagħha fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni hija kienet ser tiġi misjuba ħatja u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi. Wara li tagħtha żmien biżżejjed sabiex tiddeċiedi jekk hix sejra terġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnha, fil-presenza tal-konsulent legali tagħha u wara li kkonferiet miegħu, l-imputata wieġbet li hija inkondizzjonatament ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha;

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputata ħatja.

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Marzu 2017 fejn ordnat li jsir rapport ta' qabel is-sentenza.

Nhar il-25 ta' Lulju 2017 semgħet lill-Dr. Jason Grima bħala Avukat għall-Assoċjazzjoni tal-Assikuraturi Maltin (MIA) li ddikjara li l-imputata kienet iffirmat att pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-ammont ta' disa' u tletin elf ħames mija wieħed u għoxrin euro tmienja u sebgħin ċenteżmu (€39,521.78) rappreżentanti l-import ta' *claims* frawdolenti ma diversi soċjetajiet assikurattivi. Dakinhar stess semgħet lil Uffiċjal tal-Probation u Parole Donnalise Livori li ħejjiet ir-rapport ta' qabel is-sentenza fil-konfront tal-imputata fejn hija kkonkludiet li kienet tagħraf li dan kien każ serju u li kien jimmerita sentenza ta' priġunerija. L-Uffiċjal tal-Probation talbet lil Qorti tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputata kienet qegħda tgħix ħajja stabbli u produttiva, kienet tinsab ingaġġata f'impjieg kif ukoll ma kienux innutati vizzji ta' xorb jew droga. L-istess Uffiċjal tal-Probation issuġġeriet li "jiġu esplorati" sentenzi bażati fil-komunita biex l-imputata tħallas lura l-flus lill-vittmi.

Semgħet lill-Partijiet jitrattaw dwar il-piena infliġġenda;

***Ikkunsidrat : -***

Illi f'dan il-każ l-imputata ġiet mixlija b'xejn anqas minn sittax il-reat : għaxra ta' truffa, wieħed ta' tentattiv ta' truffa, wieħed ta' frodi innominata, wieħed ta' dikjarazzjoni jew stqarrija falza bi skop ta' vantaġġi jew benefiċċji, l-ieħor ta' distruzzjoni jew tgħarrieq ta' proprjeta għall-fini ta' vantaġġ minn assikurazzjoni kontra r-riskji, nonche l-kommissjoni ta' dawn ir-reati fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża nonche r-reċidiva.

Għall-dawn ir-reati l-imputata ammettiet inkondizzjonatament il-ħtija tagħha quddiem din il-Qorti. Ġja mill-istqarrija li hija għamlet mal-Pulizija hija kienet ammettiet mhux biss li kienet ħadet sehem attiv f'dawn ir-reati ta' truffa talli tgħid li l-iskema li biha tiffroda lill-kumpaniji tal-Assikurazzjoni kienet issuġġerietha u ħeġġitha hi stess. Fil-fatt kienet qalet hekk :

> Jiena kont smajt minghand hadd iehor biha din il-biċċa xogħol u ddeċidejt li ridt nippruvaha. Mbaghad jien ħeġġiġt lil Aaron u lil Joseph u ftehmna bejnietna biex naghmluha.

Spiteri għalhekk ammettiet mhux biss li kienet komparteċipi mal-aħwa Aaron u Joseph Grech fit-twettieq ta' din l-iskema ta' frodi talli saħansitra kienet hi stess li tagħthom l-idea! Spiteri hawnhekk allura tiġi li ammettiet li hi kienet il-moħħ, jew almenu, waħda mill-imħuħ wara din l-iskema li fi kliemha ġiet imwetqa minnha u mill-aħwa Grech.

Il-Qorti ħadet konsiderazzjoni wkoll tal-fatt illi f'diversi sentenzi oħra li erogat fil-konfront ta' persuni oħra li kienu involuti f'din l-iskema ta'

frodi assikurattiva u li fihom kienu involuti l-imputata u l-aħwa Grech, din l-istess Qorti adottat *sentencing policy* partikolari immirata li sservi ta' deterrent bil-formula ta' sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża magħquda ma element ta' superviżjoni u servizz fil-komunita. Din is-*sentencing policy* ġiet adoperata f'dawk il-każijiet ta' persuni li kienu involuti f'numru żgħir minn dawn l-episodji ta' frodi u fejn l-ammonti involuti ma kienux għoljin ħafna. U naturalment f'dawk il-każijiet fejn din it-tip ta' piena setgħet tingħata skont il-kritejra stabbiliti mill-Liġi.

Biss fejn tali *sentencing policy* ma setgħetx tiġi adoperata minħabba li kien hemm raġunijiet legali li kienu jimpedixxu lil Qorti milli tkun tista' tagħmel dan, il-Qorti erogat ukoll piena ta' priġunerija effettiva, bħal fil-każ ***Il-Pulizija vs Martin Joseph Xuereb*** deċiża nhar l-1 ta' Ġunju 2016 fejn fid-dawl tal-preċedenti penali tal-imputat huwa kien ġie sentenzjat għal tmintax il-xahar priġunerija għal episodju ta' truffa, tentattiv ta' truffa u dikjarazzjoni jew stqarrija falza intiża biex jiġi miksub vantaġġ jew benefiċċju f'kuntest fejn l-imputat kien ukoll reċidiv.

F'dan il-każ, l-imputata ġiet mixlija u wkoll ammettiet li hija kienet il-moħħ u wetqet xejn anqas minn erbatax il-episodju ta' truffa, kif ukoll li kienet reċidiva u li wetqet dawn ir-reati fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija lilha mill-Qorti tal-Maġistrati predjeduta mill-kompjant Maġistrat Dottor Saviour Demicoli nhar l-24 ta' Frar 2011.

Din il-Qorti analizzat jekk hija setgħetx, fid-dawl tar-relazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation tgħaddi biex tagħti sentenza alternattiva għal dik ta' priġunerija effettiva skont kif suġġerit. Naturalment, il-Qorti tisma' lill-Uffiċjali tal-Probation biex tara ftit l-idea professjonali tagħhom; mill-banda l-oħra din il-Qorti hija mbagħad marbuta b'dak li tgħid il-Liġi fil-qies tal-gravita tal-każ. Inutli li l-Uffiċjal tal-Probation jissuġġerixxi pieni alternattivi jekk il-Liġi ma tippermettix li jingħataw dawn il-pieni jew fejn jekk jingħataw dawn il-pieni alternattivi jirriżultaw li jkunu sproporzjonati mal-gravita tar-reati kommessi. Din il-Qorti ma tistax, kif jgħid il-Malti, toħroġ la tfuħ u l-anqas tinten.

F'dan il-każ, l-Uffiċjal tal-Probation qalet ċar li dan kien każ gravi li kien jimmerita piena ta' priġunerija u stiednet lil Qorti tesplora jekk setgħetx tgħaddi għal sentenza bażata fil-komunita. Il-Qorti rat li sentenza bażata fil-komunita biss ma kienetx proporzjonata mal-ammont u l-gravita tar-reati kommessi; u inkluż fid-dawl tal-fatt li l-imputata ammettiet li hija kienet dik li ħarġet bl-idea ta' din l-iskema ta' frodi assikurattiva u li magħha imbagħad daħlet, u waqqgħet lil Aaron Grech u Josef Grech, b'mod li dawn ipparteċipaw magħha fl-eżekuzzjoni tal-frodi assikurattiva.

Il-Qorti rat ukoll li l-imputata ma kienetx tikkwalifika għalbiex tingħata sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha in kwantu ammettiet li

hija kienet reċidiva ai termini tal-Artikolu 50 in segwitu għal sentenza mogħtija lilha mill-Qorti tal-Maġistrati tal-24 ta' Frar 2011. Is-sentenza f'dak il-każ kienet dik ta' priġunerija ta' tliet xhur sospiżi għal sentejn flimkien ma mija u sbatax il-euro (€117) f'multa. Issa jirriżulta li r-reċidivita kienet tirriżulta in kwantu hemm reati imputati lilha f'din il-kawża li ġew kommessi kemm waqt kif ukoll wara li skada l-perjodu operattiv ta' din is-sentenza. Apparti minn hekk hija rriżultat ukoll li f'dik is-sentenza tal-24 ta' Frar 2011 hija kienet ingħatat il-piena tal-multa u stante li l-multa hija skontabbli b'effett immejdat, hija tiġi, ai termini tal-Artikolu 28F tal-Kodiċi Kriminali li skontatha. Ir-reċidiva għalhekk tissussisti u skont l-Artikolu 28A(7)(b) tal-Kodiċi Kriminali mhux possibbli għal din il-Qorti li tagħtiha sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha.

Il-Qorti rat li kien hemm fatturi li setgħu jittieħdu in konsiderazzjoni meta tiġi biex tagħti l-piena l-aktar xierqa f'dan il-każ. Fosthom hemm fattur li jista' jnaqqas il-piena bħal dak li l-imputata kienet daħlet fi ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu fejn irrikonoxxiet li hija kellha trodd lura lill-assikurazzjonijiet is-somma ta' disgħa u tletin elf, ħames mija wieħed u għoxrin euro sebgħa u tmenin ċenteżmi, li kien jagħmel mill-ammonti li hija ddefrawdat lill-assikurazzjonijiet bl-involviment tagħha f'reati li seħħew bejn l-1 t'April 2011 u d-19 t'Ottubru 2013.

Fattur ieħor li jnaqqas il-piena huwa li l-Prosekuzzjoni kwalifikat dawn ir-reati ta' truffa, dikjarazzjonijiet foloz, frodi assikurattiva eċċ bħala reat kontinwat ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Dan kien minnu nnifsu jissarraf f'benefiċċju għall-imputata in kwantu, peress li l-Prosekuzzjoni kkonċediet li dawn ir-reati kienu magħmulin fi żminijiet differenti, kienu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi, u li kienu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda. Għalhekk ladarba bil-Liġi dawn setgħu jitqiesu bħala reat wieħed, filwaqt li l-piena tiżdied minn grad sa żewġ gradi, mill-banda l-oħra l-imputata ma kienetx ser tiġi mogħtija piena għal kull wieħed mill-erbatax il-reat kontestat lilha separatament. Dan kien għalhekk jevita l-kumulu ta' pieni fuq l-imputata li altrimenti kien iwassal għal sentenza ta' priġunerija ferm itwal.

Fattur ieħor li jnaqqas il-piena f'dan il-każ huwa li bejn id-dati ta' meta seħħew ir-reati u d-data meta l-imputata tresqet il-Qorti akkużata bl-akkużi kollha kontra tagħha irriżulta li kien hemm bdil fil-Liġi fejn inbidlu mhux biss il-kriterja tal-ammonti (osija l-*brackets* tal-*minimum* u l-*maximum* tal-ammont truffat) iżda wkoll ġew imħarxin il-pieni skont dawn il-*brackets* il-ġodda. B'applikazzjoni tal-Liġi kif inhi illum, uħud mill-pieni huma aktar ħarxa. Għalhekk fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi il-Qorti għażlet li tapplika l-pieni li kienu l-aktar favorevoli għall-imputata. Dan kellu wkoll impatt fuq il-*minimum* tal-piena erogabbli li b'dan l-eżerċizzju ġie ferm aktar vantaġġjuż għall-imputata u dan skont

il-prinċipju li meta jkun hemm bidla fil-Liġi il-piena li għandha tingħata lill-ħati għandha tkun dejjem dik l-aktar vantaġġjuża għalih.

Jibqa' pero l-fatt li għar-reati kommessi mill-imputata, kemm bħala reċidiva kif ukoll peress li ġew imwetqin fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża, il-massimu tal-piena li tista' tingħata f'dan il-każ, anke bil-Liġi l-aktar vantaġġjuża, iġibu magħhom massimu ta' sebgħa snin għal kull reat ta' truffa (minflok id-disa' snin skont kif inhi il-Liġi illum). Il-massimu tal-piena ta' seba' snin priġunerija kwalifikat bi grad jew tnejn skont l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, (skont l-iskajjel tal-pieni taħt l-Artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali), twassal għal piena massima ta' tnax il-sena priġunerija; u din tkun tista' tiżdied bi grad jekk l-imputata titqies li hija reċidiva ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali – u ċjoe' jwassal għal massimu potenzjali ta' għoxrin sena priġunerija!

Biss f'dan il-każ il-Qorti tqis li mhux lok li tagħti lill-imputata piena li tkun toqrob lejn il-massimu tagħha u dan peress li fl-aħħar mill-aħħar, anke jekk l-imputata kienet waħda mill-imħuħ ta' din l-iskema ta' frodi fl-assikurazzjoni, hija ammettiet il-ħtija tagħha mill-ewwel opportunita li kellha u għalhekk hija ffrankat lill-Qorti ħafna dewmien inutli, filwaqt li hija wkoll iffirmat il-ftehim mal-kumpaniji tal-assikurazzjoni li permezz tagħhom hija qablet li kellha tħallashom lura l-ammonti kollha defrawdati. Biss in-numru, gravita u valur tar-reati kommessi (fl-

ammont ammess ta' disa' u tletin elf ħames mija wieħed u għoxrin euro tmienja u sebgħin ċenteżmu (€39,521.78)) ma jippermettux lil Qorti li tmur anqas minn hekk.

## ***DEĊIDE***

li wara li rat l-Artikoli 17(b)(h), 18, 28A, 28B, 30, 41(1)(a), 49, 50, 188(2), 295, 308, 309, 310(1)(a)(b) (kif kienu qabel id-dħul tal-Att XXIV tal-2014), tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lil **Charlene Spiteri**, fuq l-ammissjoni tagħha stess, reċidiva f'delitti, ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha.

Kwantu għall-piena, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b)(h) u 18 tal-Kodiċi Kriminali qegħdha tikkundanna lill-ħatja għall-piena ta' **tliet snin priġunerija** fir-rigward tal-imputazzjonijiet minn numru wieħed sa' numru erbatax.

Kwantu għall-ħmistax il-imputazzjoni, wara li rat l-Artikoli 28A u 28B tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li qiegħda ssib li **Charlene Spiteri** wetqet ir-reati li għalihom hemm piena ta' priġunerija matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda titratta magħha għar-rigward tas-sentenza sospiża u

konsegwentement qiegħda tordna li s-sentenza ta' **tliet xhur priġunerija** sospiżi għal sentejn għandha tibda' sseħħ b'effett immedjat;

Għall-fini ta' kjarezza, bis-saħħa ta' din is-sentenza **Spiteri Charlene** qegħda għalhekk tiġi kundannata għal perjodu komplessiv ta' **tliet snin u tliet xhur priġunerija.**

Ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali magħqud mal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil ħatja sabiex tħallas is-somma ta' disa' u tletin elf ħames mija wieħed u għoxrin euro tmienja u sebgħin ċenteżmu (€39,521.78) jew il-bilanċ aktar verjuri eżistenti fil-jum ta' din is-sentenza lil Atlas Insurance Plc, Elmo Insurance Limited, GasanMamo Insurance Limited, Mapfre Middlesea Plc u Untours Insurance Agents Limited skont dak imsemmi fil-kuntratt datat tmintax ta' Lulju 2017 (a fol 52 tal-proċess).

Finalment il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

***Mogħtija illum il-5 ta` Novembru 2018 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***

Ammissjonijiet/oħrajn